# NIRIEN U PAĊI FL-EWROPA U F'MALTA

## Miftakra Ġrajjiet Internazzjonali, Nazzjonali u Lokali

*minn Anthony CAMILLERI B.A.(hons.), Dip. Ed. (Adm.& Man.)*



## 1798: IR-REWWIXTA TAL-MALTIN KONTRA L-OKKUPAZZJONI FRANĊIŻA TINBIDEŁ FI GWERRA TA' SENTEJN

Mitejn sena ilu ġraw tliet episodji minsuġa fi ġrajja waħda li mmarkaw ħżuż li ma jitħassrux fl-istorja ta' Malta. L-Ordni Ġerosolomitan tal-Kavallieri[1] ħalliet Malta wara mitejn u tmienja u sittin sena. Napuljun Bonaparti niżel bit-truppi tiegħu biex jissalvagwardja l-interessi ta' Franza fil-Mediterran. Il-Maltin qamu qatta bla ħabel kontra l-Franċiżi. Kienet rewwixta li titqies b'ħafna modi ġlieda għall-indipendenza ta' Malta fuq skala li bħalha ma ratx Malta sa dak iż-żmien.[2] Il-Maltin iġġieldu waħedhom u tilfu mal-20,000 ruħ f'mejta fis-sentejn qabel ma l-Franċiżi ċedew fl-1800. Minkejja li kellhom l-għajnuna ta' bastimenti Portugiżi, l-alleati ta' l-Ammirall Ingliż Lord Horatio Nelson fl-imblokk ta' l-ibħra ta' madwar Malta kontra l-possibbilta` ta' rinforzi Franċiżi u minkejja li xi riġmenti Ingliżi niżlu Malta, il-Maltin affrontaw sidirhom waħedhom. Infatti l-Ingliżi li mietu kienu vittma ta' mard u mhux ta' azzjoni militari.

### IR-RIVOLUZZJONI FRANĊIŻA (1789)

Ħadd ma jiċħad li l-Franċiżi kienu oppressi taħt is-sistema fewdali u l-Burboni. Kien hemm min għadu lsir fis-sens antik tal-kelma. L-aristokrazija kienet tgħum fil-ġid misluħ minn fuq dahar il-miljuni ta' kampanjoli.

L-artijiet kienu f'idejn il-ftit, bħalma għadu l-każ tal-pajjiżi Latino-Amerikani fi żmienna. Meta għaddew f'idejn il-poplu fi żmien ir-rivoluzzjoni, ħallas għalihom biex it-teżor Franċiż ikollu l-mezzi. Mar-restawrazzjoni tal-monarkija kien hemm min ħadem biex jerġgħu jgħaddu f'idejn is-sinjur. Taħt isem jew ieħor, kien hemm min deherlu li għandu jikkundanna r-rivoluzzjoni, iżda l-kawżi tagħha u dawk li kkaġunawhom ħadd ma ċċensurahom, ħlief il-poplu.

Fi Franza ta' qabel l-1789, il-kampanjoli riedu jagħmlu tajjeb għall-biċċa l-kbira tat-taxxi. Meta Franza kienet tidħol f'xi gwerra, huma kienu jaqbdu l-armi bħala suldati komuni, il-fila, imma r-rank kien għal ulied in-nobbli. L-inġustizzji u l-inugwaljanza kienu jitolbu ħaqq quddiem is-sema. Mhux talli l-prepotenti kienu jabbużaw lin-nies saħansitra f'darhom, talli kienu jżidu l-insult ma' l-inġurja.

Fl-14 ta' Lulju 1789, meta l-irvellijiet spiċċaw billi ttieħdet il-Bastilja, il-ħabs Pariġin simbolu tal-korruzzjoni, il-prepotenza statali u l-moħqrija tar-reġim, ftit kienu dawk li ma basrux x'kien ġej. L-iskuntentizza żbruffat u bdew jeħlu anke l-innoċenti. Waslu fil-punt li wieħed mill-mexxejja tar-Rivoluzzjoni, Robespierre, il-kap tal-Ġakbini, għeleb il-parti moderata rappreżentata mill-Ġirondini, u nieda r-Renju ta' Terrur (1793). Minn ewl id-dinja u f'sitwazzjoni l-ħin kollu tinbidel, Robespierre sab ruħu taħt il-giljottina sena biss wara. Twaqqaf Direttorju, li dam sal-1799 meta, b'kolp ta' l-istat, Napuljun ġab fi tmiemha r-Rivoluzzjoni Franċiża.

L-għajta kienet ta' Ugwaljanza, Fratellanza u Liberta`. Il-bosta uċuħ tar-rivoluzzjoni urew li, waqt li din l-għajta kienet ġusta, fit-taqlib tal-

ġrajjiet saru bosta abbużi minnha. Dan ma jingħadx sempliċement għal min fost in-nobbli xtaq riformi serji iżda saħansitra għal nies komuni suspettati, imqar fuq dell ċkejken, li kienu kontra r-rivoluzzjoni. Ir-rivoluzzjoni effetwat ukoll il-kors ta' l-Istorja Ewropea. Irridu niftakru li, jekk inkisbu drittijiet soċjali u individwali għal tant popli bis-saħħa tar-rivoluzzjoni, tħallas prezz għoli qabilha, kif ukoll waqtha u warajha. It-tbatija tal-poplu taħt is-sistema fewdali qabel l-1789, il-ħajja fi żmien il-ħruxija tar-rivoluzzjoni u l-isfidi u sagrifiċċji fis-seklu l-ġdid jixhdu minn liema nirien kellhom jissaffew l-istrutturi soċjali Franċiżi u Ewropej biex iċ-ċittadin ikun stmat ta' bniedem u jidħol fit-tmexxija tad-destin tiegħu.

## IR-RIVOLUZZJONI TA' L-1830

Fl-1814 Lwiġi XVIII (1814-1824) inħatar re ta' Franza. Għal ftit kellu jaħrab għax Napuljun skappa minn Elba u, f'dak li kellu jkun mitt jum, iġġieled ġlieda kontra l-Ingliżi, il-Prussjani, l-alleati ta' l-Awstrija u r-Russja. Il-Battalja ta' Waterloo, miġġielda fit-18 ta' Ġunju 1815, temmet lil Napuljun li spiċċa eżiljat fil-gżira ta' Sant'Elena u Lwiġi XVIII mar lura Pariġi. L-iskop tiegħu kien li jagħti sehem sinifikat lis-sistema ta' qabel ir-rivoluzzjoni u jżomm anke monarkija kostituzzjonali li tirrispetta ħafna mill-prinċipji tar-rivoluzzjoni.

Wara Lwiġi laħaq ħuh, il-Konti t'Artoise, bl-isem ta' Karlu X. Dan ir-re kien ilu jikkomplotta biex iġib lura monarkija assoluta, kif għamlu l-ultra-rjali, fosthom Villele, Chateaburiand u Polignac. Meta fl-1830 Polignac stqarr politika li kienet turi biċ-ċar li ried imur lura għal żminijiet despotiċi, il-poplu beda jiċċaqlaq. La r-re u lanqas Polignac ma nduna, u t-tnejn ħarġu l-Ordinanzi ta' Saint-Claud. Ir-repubblikani u l-ġurnalisti qamu. Inġabru fl-Hotel de Ville taħt it-tmexxija tal-veteran Lafayette, li kien ħa sehem ukoll fil-gwerra ta' l-Indipendenza Amerikana. L-idea ta' Karlu V li r-re kellu Dritt Divin wasslitu biex jitlef kollox. Abdika fl-1 ta' Awwissu 1830. Il-poplu tgħallem li biex iħares jeddijietu ried jibqa' magħqud kontra l-forzi li darba saħquh taħthom.

## IL-MONARKIJA TA' ORLEANS (1830-1848)

Kienu r-repubblikani ta' Pariġi li mexxew ir-rivoluzzjoni ta' Lulju 1830 u neħħew lil Karlu V. Iżda ma kenitx repubblika li twaqqfet, għax il-klassi tan-nofs kienu jibżgħu li r-repubblikani jieħdu l-propjeta` privata. Biża' mill-ultra-rjali ma kellhomx għax dawn ħadu daqqa sewwa. Intgħażel Louis Philippe (1830 - 1848) u sejħulu "r-Re tal-Franċiżi", titlu b'ħoss aktar demokratiku. Louis Philippe kien Ġakbin fi żmien ir-rivoluzzjoni u bin id-Duka ta' Orleans, il-kuġin ta' Lwiġi XVI, li vvota favur is-sentenza tal-mewt tar-re. Fl-istorja Franċiża, Philippe kien l-ewwel re li ġie elett permezz tal-Kamra tad-Deputati u dan kien ifisser li seta' jitneħħa minnha wkoll.

Kemm il-politika barranija kif ukoll dik interna naqqru ftit ftit is-setgħa tar-re. Guizot, il-ministru ewlieni, kien jirrepeti "Stagħnew!"[3], kull meta n-nies jgħidulu biex jagħti l-vot lil kullħadd. Il-forzi politiċi kollha kienu b'xi mod kontra, min għax ried it-*trade-unions*, min il-liberta` tal-kelma, min ried repubblika, min ried lid-dixxendenti tal-Burboni u min lil ta' Bonaparti.

Wara l-Belġju, Franza kienet it-tieni pajjiż fl-Ewropa li mexa fil-passi tal-Ingilterra u r-Rivoluzzjoni Industrijali. Twieled meta tqawwa l-moviment Soċjalista minħabba f'hekk. P.J. Proudhon (1809 - 1865) issuġġerixxa li l-propjeta` kellha titqassam mill-ġdid. Fl-1840, Louis Blanc ippubblika *l-Organisation du Travail*, li fih sostna li kull bniedem kellu dritt għal xogħol produttiv u kien dmir ta' l-istat li jagħtihulu. Dan il-ktieb kien influwenti fir-rivoluzzjoni tal-1848.

Kien hemm diversi rewwixti kontra Louis Philippe. Hu rreaġixxa bil-Liġi tal-Assoċjazzjonijiet. Is-Soċjalisti u r-Repubblikani ppressaw għar-riforma elettorali imma Guizot baqa' jipposponihom. Bi tweġiba, l-organizzaturi tal-moviment riformista bdew jagħmlu Pranzijiet tar-Riforma, li xterdu ma' Franza, u fihom jixorbu bis-saħħa tar-riforma parlamentari. Fit-22 ta' Frar 1848, wieħed minn dawn il-pranzijiet ġie projbit mill-awtoritajiet. Malajr qamet reżistenza mill-poplu, u l-Gwardja Nazzjonali, flok ħaditha kontrieh, iffraternizzat miegħu. Philippe ħarab lejn l-Ingilterra, ironikament l-art meqjusa b'omm il-parlamentari kollha!

Għal darb'oħra l-poplu stabilixxa l-prinċipju li hu sovran u ġedded dak li kien sar fuq skala akbar fl-1789. Lanqas dan ma kien it-tmiem tal-ġlieda għall-jeddijiet taċ-ċittadin u għad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Biżżejjed ngħidu li, għax hekk kien jaqbel taħt Napuljun Bonaparti III, tnaqqsu tliet miljun votant minn disa' miljuni biex idgħajfu lill-Partit Repubblikan! Biss il-fatma mill-fewdaliżmu kienet saret u bdiet it-triq għat-tisħiħ u żvilupp.

# 1789: MALTA U R-REPUBBLIKA FRANĊIŻA

L-Ordni tal-Kavalieri ta' San Ġwann kien despotiku. F'artna kienu jikkmandaw il-Kavalieri. Il-Maltin riedu jobdu u joqgħdu għalihom. Fis-seklu tmintax, l-Ordni kien skadut u l-membri tiegħu fil-biċċa l-kbira kienu tilfu s-sens ta' l-ideali tal-fundaturi. Il-qagħda soċjali f'Malta ma kienet xejn sabiħa minkejja li l-Gran Mastru Pinto għamel proġetti li kienu jwassluk biex taħseb li kien il-mexxej Versailles fiċ-ċokon. Mhux ta' b'xejn li l-Maltin bdew jixbgħu mill-Ordni. Meta fost il-Kavalieri Franċiżi, li kienu jgħoddu mitejn u jiffurmaw kważi nofs l-Ordni f'Malta, bdew jinxterdu l-ideat tar-Rivoluzzjoni Franċiża, l-Maltin għoġbithom li jeħilsu mill-Ordni, li jiksbu l-artijiet u li jkunu ħielsa u kmandi f'pajjiżhom. Ma naqsux dawk li saru partitarji Franċiżi.

Napuljun Bonaparti niżel Malta bit-truppi tiegħu fit-12 ta' Ġunju 1798. L-Ordni għabbiet u ħalliet Malta. Bdew ħerġin id-direttivi. Għal ftit 'l fuq minn xahrejn, il-Maltin qagħdu għalkemm l-ewwel ċaqliq kontra l-Franċiżi ma damx ma beda jinħass. Fit-28 t'Awwissu, f'Malta waslet l-aħbar li l-flotta Franċiża sfat megħluba fil-Bajja ta' Abukir fl-Eġittu mill-flotta Ingliża taħt l-Ammirall Lord Horatio Nelson. Fost il-Maltin kien hawn min diġa ra f'Nelson dak li kellu jtajjar lill-Franċiżi minn artna.

Bejn it-2 u t-3 ta' Settembru 1798, il-bużżieqa li kien ilha tintefaħ, infaqgħet. Il-Franċiżi marru jieħdu lampieri tal-fidda u affarijiet prezzjużi mill-knisja tal-Franġiskani ta' Ġieżu fir-Rabat. Ir-Rabtin qatgħuha li jieħdu d-dehbijiet, fided u vestimenti mqaddsa għand Manwel Vitale biex jieħu ħsiebhom hu. Huma u jagħmlu hekk indunaw li l-Franċiżi kienu ser jagħmlu l-istess fil-knisja tal-Karmnu tal-Imdina. Il-Maltin qamu. Għat-3.00 p.m., il-Kmandant Franċiż Masson fettillu jagħmel dawra mal-Imdina ma' żewġ uffiċjali. Silet ix-xabla u ħaseb li ser iwerwer lill-Maltin. Ma damux ma wrewh x'kienu jsarrfu u spiċċa mixħut mill-gallarija tad-dar tan-Nutar Pietru Anton Bezzina.

Fl-4 ta' Settembru, l-Franċiżi tal-Kottonera ngħalqu fit-tlett ibliet. Ċirkulari bl-istess data mibgħuta minn Vitale, Manduca, De Piro u Theuma Castelletti talbet lill-mexxejja tal-battaljuni biex jitilgħu l-Imdina ħalli jfasslu l-pjan tal-battalja kontra l-Franċiżi. In-Nutar Saver Zarb kellu n-nies tal-Mosta, Ħ'Attard u l-inħawi.

Fis-17 ta' Settembru waslet kunsinna ta' armamenti lill-Maltin mingħand l-Ingliżi. Permezz tal-Kaptan James Saumarez, dawn bagħtu 1062 azzarin, 142 bajjunetta, 1660 skartoċċ bil-balal b'4080 kaxxa għall-istess skrataċ u 20,740 balla tal-azzarini. Ferdinandu IV, re taż-Żewġ Sqallijiet, bagħat proviżjon akbar. Bagħat ukoll il-frejgati *Aretusa* u *Cenere*, li wara nbidlet minn *La Siena*, biex jgħinu fl-imblokk bil-baħar.

## IL-KONĠURA FIL-BELT VALLETTA

Barra mis-swar tal-Belt Valletta, l-Maltin kienu ħielsa li jiltaqgħu mingħajr biża' ta' Franċiżi madwarhom. Fil-Belt, is-sitwazzjoni kienet differenti. Il-Maltin kienu mdawrin bil-Franċiżi u spiji setgħu jindiehsu ma' min jikkomplotta. B'rieda sħiħa ngħaqad grupp taħt Dun Mikiel Xerri u l-Kaptan Korsikan, ironikament għal Napuljun, Gulliermu Lorenzi. Dun Mikiel (1737 - 1799) kien popolari, twajjeb u meqjum. Lorenzi kien kursar ġellied u anke r-Russja nqdiet bih fil-gwerra kontra t-Turkija.

Il-ħbit fuq il-Belt Valletta mill-Maltin tal-kampanja kellu jsir fit-12 ta' Jannar 1799. Inzerta li l-ġurnata ta' qabel wasal bastiment Ġenwiż Malta b'messaġġ lil Vaubois li r-re ta' Sardinja tilef saltnatu fid-9 ta' Diċembru 1798. Minkejja li l-11 ta' Jannar 1799 kien il-Ġimgħa u s-soltu, b'rispett lejn tradizzjoni antika, il-Manoel kien jinżamm magħluq, Vaubois ta ordni biex dakinhar issir eċċezzjoni u jinfetaħ biex jagħmlu rappreżentazzjoni lit-truppi.

Kien wara li spiċċa kollox u Bovard u l-fizzjal tiegħu Roussel kienu qegħdin jirritornaw lejn il-gżira Manoel bid-dgħajsa li sar id-diżastru. Huma semgħu xi ħsejjes, ġiehom suspett, ġabu xi rinforzi u l-Maltin mistoħbija fl-imħażen ta' Marsamxett, fosthom sittax il-Mosti, li wara li ġew xbubettjati, inkixfu u fil-paniku nqabdu. Ma damux ma nqabdu wkoll Dun Mikiel Xerri, Gulliermu Lorenzi, Mattew Pulis u oħrajn. Għaddewhom qorti marzjali u qatgħuhielhom għall-mewt. Lorenzi l-Korsikan ta ħajtu għal Malta fl-14 ta' Jannar 1799. Dun Mikiel Xerri waqa' taħt it-tiri tas-suldati Franċiżi fis-17 ta' Jannar. Dun Miju Zarb, "Ta' Nurata", minn Ħaż-Żebbuġ, inqatel fid-19 u l-Kaptan Mikiel Vella fl-20. Oħrajn inqatlu fis-27 u d-29 ta' Jannar. B'kollox mietu din il-mewta erojka u patrijottika għal pajjiżhom 43 ruħ u, skond Ransijat, ħdax biss minnhom kienu Beltin.

# IL-LISTA TA' L-UNUR TA' L-EROJ MOSTIN (1799)

Mill-Att Notarili tan-Nutar Saverju Zarb tat-8 ta' Jannar 1804, nieħdu l-lista ta' suldati Mostin li ġew xkubettjati mill-Franċiżi fil-jiem storiċi u epiċi tal-okkupazzjoni Franċiża, partikolarment il-ġranet ta' Jannar 1799. Il-Mosta tibqa' tqim lil dawn uliedha li taw kollox u sa ċedew ħajjithom għal art twelidhom:

AQUILINA SALVU
BEZZINA INDRI`
BORG FRANĠISK
CAMILLERI ĠUŻEPPI
CHETCUTI FRANĠISK
FENECH FRANĠISK
FENECH XMUN
GALEA DUMINKU u ħuh
GALEA ĠUŻEPPI
GALEA ĠANNI
GALEA INDRI`
GALEA PAWLU
PISANI FRANĠISK
SAID ĠANNI
XERRI FRANĠISK
ĠUŻEPPI XIBERRAS



*Il-Monument tal-iskultur Mosti, Ġanni Bonnici, biex ifakkar lill-Qalbiena Mostin - fosthom l-Eroj ta' Żmien il-Franċiżi.*

Għal bosta snin kienet ***Triq Dun Mikiel Xerri*** fiċ-ċentru storiku tal-Mosta li tfakkar, għal min kien jieħu l-ispunt, lil dawn il-patrijotti. Fl-1930, E.B. Vella ppubblika ***"L-Istorja tal-Mosta bil-Knisja Tagħha"*** u xandar mill-ġdid l-ismijiet ta' dawn l-eroj. Dan il-pass sewa biex poġġa l-pedamenti għall-għarfien ta' għemilhom fi żminijiet qribna. Minn xi snin 'l hawn, għandna ***Vjal il-Qalbenin Mostin*** biex ifakkar lil dawk li l-poeta jitnebbaħ jesklama f'isimhom ***"O quam dulcis et suavis est pro patria mari".***

Kienu l-Maltin li waħedhom iġġieldu kontra l-Franċiżi. Verament li kien hemm appoġġ tattiku mill-flotot Ingliżi u Portugiżi u għajnuna f'għamla ta' munizzjon. Iżda l-ġlied sar bejn Maltin u Franċiżi. Ebda suldat Ingliż ma tilef ħajtu u min miet hawn Malta, miet ħtija ta' kawżi li ma kellhomx x'jaqsmu xejn mal-gwerra.

Wasal ukoll jum il-kapitulazzjoni tal-Franċiżi. Il-Ġeneral Vaubois u l-Ammirall Villeneuve għar-repubblika Franċiża u l-Ġeneral Pigot u l-Kaptan Martin għall-Brittanja qablu fost l-oħrajn li l-Franċiżi joħorġu minn Malta bl-unuri kollha tal-gwerra. Mal-Franċiżi jitħallew joħorġu dawk il-Maltin li matul l-assedju ngħaqdu magħhom. Infatti Nicolo` Isouard[4], il-kompożitur famuż Malti li għalih hi msemmija l-Banda Nicolo` Isouard tal-Mosta, kien Bonapartista. Ħareġ mal-Franċiżi minn Malta fl-1800. Qatt ma ġie lura Malta minħabba ċ-ċirkostanzi, għalkemm qatt ma ċaħad li kien Malti.

Kundizzjonijiet oħra kienu li l-Maltin u l-allejati tagħhom ma jitħallewx jersqu lejn Bieb il-Bombi, li kellu jitgħasses minn suldati Franċiżi u Ingliżi. Il-kuntratti kollha ta' bejgħ u għotjiet ta' beni mobbli u immobbli li saru matul il-ħakma Franċiża kellhom ikunu onorati.

Kienet inġustizzja li dan il-ftehim sar bejn Ingliżi u Franċiżi mingħajr sehem il-Maltin. Kienu l-Maltin li batew kull xorta ta' għaks u ċaħda. Kienu l-Maltin li tilfu wieħed minn kull ħamsa ta' ġenshom. Kienu l-Maltin li nsterqu mill-ġid personali tagħhom miġbur fil-Bank tal-Qamħ tal-Universita` u minn ġid kollettiv imħolli fil-knejjes ta' twemminhom u l-bini pubbliku. Ġens żgħir bħal dak Malti ma setax jistenna li jkun stmat mod ieħor. L-arroganza hi prerogattiva ta' dawk li għandhom l-istint predatarju biex dejjem iżidu jaħtfu aktar setgħa, ġid u popli taħt idejhom. L-ugwaljanza u l-liberta` riduhom għalihom fi Franza. Meta esportaw ir-rivoluzzjoni, riedu jidħlu bħala sidien f'dar ħaddieħor. Biss hu l-każ li wieħed jgħid li l-Maltin kienu kapaċi jqumu kontra l-ġgant Franċiż u li kellhom lil min jidher għalihom mal-barranin ħalli jġib l-għajnuna li seta'.

# 11 TA' NOVEMBRU 1918

Fil-11.00 a.m. tal-11 ta' Novembru 1918, intemmet il-gwerra l-aktar imdemmija fl-istorjatad-dinja sa dak iż-żmien. Spiċċat il-gwerra li suppost kellha ttemm kull gwerra oħra.

Wara erba' snin ta' ġlied, dawk li mietu laħqu n-numru ta' tlettax-il miljun (13,000,000)! Kull erba' minuti ġlied mietu erba' suldati u tferew disgħa. Il-gwerra għamlet għaxar miljun armla u orfni u miljun qarib li ma kellux biex jgħix. Kien għalhekk li l-Ġeneral Alexander Haig waqqaf Jum il-Pepprin, li għadu jiġi osservat f'ħafna pajjiżi, biex jgħinu lil dawk li korrew, lill-qraba tal-vittmi u, llum li għaddew tmenin sena u ftit fadal mill-orfni, biex jiġu megħjuna nies bi bżonnijiet oħra.

Il-gwerra qamet flus biżżejjed biex kull familja fl-Amerka, il-Kanada, l-Awstralja, ir-Renju Unit, Franza, il-Belġju, il-Ġermanja u r-Russja jkollha dar ta' ħames mitt lira ta' dak iż-żmien, mitejn lira għamara, mitt lira fi propjeta` u l-bqija kien jammonta għall-valur kapitali sħiħ tal-Belġju u Franza.

Rupert Brooke (1887 - 1915), wieħed mill-poeti Ingliżi tal-gwerra l-kbira, ħalla dan is-sunett stupend bħala xiehda ġenwina tal-imħabba taż-żgħir lejn art twelidu. Iż-żgħir jiġġieled għal art twelidu; iż-żgħir iħallas biex jiġu miġġielda l-gwerer. Dak li kiteb Rupert Brooke jgħodd mhux biss għas-suldat Ingliż u għall-Ingilterra; jgħodd għal kull art u l-kumbattenti tagħha. Għalhekk, meta naqraw il-poeżija, l-kelma *'England'* għandna ninsewha u flokha nqisu kwalunkwe pajjiż tad-dinja.

### *THE SOLDIER*

*If I should die, think only this of me:*
*That there's some corner of a foreign field*
*That is for ever England. There shall be*
*In that rich earth a richer dust concealed;*

*A dust whom England bore, shaped, made aware,*
*Gave, once, her flowers to love, her warp to warm,*
*A body of England's, breathing English air,*
*Washed by the rivers, blest by suns of home.*

*And think, this heart, all evil shed away,*
*A pulse in the eternal mind, no less*
*Gives somewhere back the thoughts by England given;*
*Her sights and sounds; dreams happy as her day;*
*And laughter, learnt of friends; and gentleness,*
*In hearts at peace, under an English heaven.*

L-individwu hu dejjem forza vibranti. L-istituzzjoni hi qafas li tieħu l-ħajja bis-saħħa ta' l-individwi. Il-paċi tiddependi aktar mis-solidarjeta` internazzjonali tal-popli nkella mill-pika tad-diplomatiċi.

Fl-Ewwel Gwerra Dinjija (1914 - 1918), Malta ma kinitx involuta direttament fil-gwerra. Serviet bħala sptar fejn eluf ta' suldati Ingliżi, Awstraljani u oħrajn ġew għall-konvalexxenza. Kien hawn kampijiet għall-feruti kullimkien u n-negozju kien tajjeb. Malta kienet l-infermiera tal-Mediterran. Qdiet missjoni nobbli.

# ELIŻABETTA II IŻŻUR IL- MOSTA DARBTEJN

Is-sena ta' wara li kienet inkurunata Reġina ta' l-Ingilterra, ta' l-Imperu Britanniku u tal-*Commonwealth* u d-Dominji, Eliżabetta II żaret il-pajjiżi fejn kienu jgħixu s-suldati tagħha. Malta ġiet ukoll u l-Mosta żaritha f'ġurnata ta' Mejju tas-Sena Marjana 1954 li tibqa' mniżżla fl-istorja b'memorji tassew sbieħ. Kien l-4 ta' Mejju u lilna t-tfal ta' l-iskola ħaduna fi Triq il-Kungress Ewkaristiku ħdejn il-ħanut tal-laħam ta' Loreta, kważi quddiem Villa Dimech. Kont fi Standard 1 ma' l-għalliem tagħna, s-Sur Joseph Muscat. Fi Triq il-Kungress Ewkaristiku u fil-pjazza kien hemm l-arbli bi bnadar tawwalin b'disinn ta' ljun tipiku ta' l-eraldija Ingliża. Tawna l-bnadar Maltin u l-*Union Jack* biex inxejrulha. Għaddiet titbissem u xxejjer, ritratt li ma jgħib qatt minn moħħna.

*Il-Berqa*[5] tkompli l-istorja: "Xena oħra bħal din saret fil-Mosta fejn il-karozza rjali reġgħet waqfet meta Marguerite Marie Calleja, ta' erba' snin, bint Dr. Ferdinand Calleja, **President tal-Każin tal-Banda Nicolo` Isouard**, ippreżentat bukkett gladjoli ħomor u bojod lir-Reġina, li ġibdu l-ammirazzjoni ta' l-Altezza Rjali Tiegħu d-Duka ta' Edinburgh. Marguerite, li kienet liebsa l-abjad b'xi disinji koħol u b'żarbun aħmar, kienet akkumpanjata minn *Boy Scout* żgħir imma fuq tiegħu."

Kieku riedet lanqas setgħet tħalli l-bukkett jaqa' minn idejha għax il-karozza rjali resqet ħelu ħelu lejn iz-zuntier fejn jintlaqgħu l-mistednin qabel jidħlu fir-Rotunda. Nistgħu ngħidu li kienet xorti unika ta' Marguerite Marie li tilqa' Kap ta' Stat, ta' Imperu, ta' *Commonwealth* u ta' knisja b'dan il-mod quddiem il-*Pantheon Grognetan*. Unika wkoll għax kienet hi biss fl-istorja tal-Mosta li ppreżentat bukkett f'isem il-poplu tal-Mosta lil dinjitarju hekk distint.

R. Galea żied nota qasira ma' dak li nkiteb fir-rapport ta' *Il-Berqa*[6]: "Irrid inżid li l-Maesta` Tagħha ġiet milqugħa ġewwa l-Mosta bid-daqq tal-qniepen u sparar tal-bombi u b'entużjażmu liema bħalu mill-Mostin kollha u naħseb li kienet waħda mill-isbaħ laqgħat li kellna."

F'*Il-Berqa* tat-12 ta' Mejju 1954, ġabu żewġ ritratti - wieħed tal-karozza rjali qiegħda tasal filwaqt li l-folol kienu skjerati b'ordni u b'dixxiplina fuq il-bankini, u l-ieħor - taż-żgħira Marguerite Marie Calleja tippreżenta l-bukkett fjuri lir-Reġina. Ħadd bħal-Ljun Ingliż ma ħalla xbieha ħajja u dejjiema tiegħu nnifsu fil-qalb u l-qlub tal-Mosta u tal-Mostin. Hu ritratt-muftieħ li llum ħafna jixtiequ li għamlu wieħed bħalu meta kellhom iċ-ċans.



*Il-Banda Nicolo` Isouard iddoqq programm mużikali nhar l-4 ta' Mejju 1954 waqt iż-żjara tar-Reġina Eliżabetta II.*




*Marguerite Marie Calleja tippreżenta bukkett fjuri lir-Reġina ta' l-Ingilterra meta żaret il-Mosta.*

## IŻ-ŻJARA TAL-1967

Ir-Reġina Eliżabetta II u d-Duka ta' Edinburgh reġgħu żaru Malta f'Novembru tal-1967. Dik id-darba ġiet bħala Reġina ta' Malta u Kap tal-*Commonwealth*. Kien il-Ħamis, 16 ta' Novembru, meta għall-ħabta tad-9.15 a.m. ir-Reġina u d-Duka għaddew fi triqthom lejn Għawdex. U minkejja li s-sitwazzjoni fir-reġjun tal-Mediterran kienet stressanti għax f'Ġunju l-Lhud u l-Għarab iġġieldu l-gwerra tas-sitt ijiem, ir-Reġina ġiet u żammet l-appuntamenti kollha. Biex tkompli tkun okkażjoni li tibqa' miftakra, r-Reġina u d-Duka għaddew f'karozza miftuħa u kienu bil-wieqfa. Seta' jarahom kulħadd, jitbissmu, jxejru, vivaċi, maħkuma minn żiffa ħelwa ta' ġurnata xemxija Novembrina, għaddejjin kif jgħaddu l-kbarat fost is-sudditi tagħhom. Il-Mosta ħarġet bi ħġarha u bosta ttardjaw biex jistennew minkejja li kien jum ta' xogħol fost il-ġimgħa.

Fiż-żewġ okkażjonijiet, il-poplu tal-Mosta ma kellu ebda sforz x'jagħmel fit-tħejjija għaż-żjajjar. Lir-reġina ġabuhielhu minn jeddhom u għax għoġobhom. Kif kienu ġabu lil missierha, r-Re Ġorġ VI u b'avviż kmieni fil-għodu fil-5.00 tal-20 ta' Ġunju 1943 fuq ir-*Rediffusion* għarrfu malajr malajr mnejn kellun jgħaddi. Ġie fuq il-*cruiser HMS Aurora* meta l-*U-Boote* Ġermaniżi kienu għadhom iħufu fil-Mediterran.[7] Għadda bħal tant dinjitarji minn Triq il-Kungress Ewkaristiku. L-ebda ħbit mill-ajru ma waqqfu. Għadda milqugħ u ffesteġġjat u hu rreċiproka, bniedem marid u mgħobbi b'piż ta' gwerra bħal dik.

## IL-ĠIMGĦA, 6 TA' ĠUNJU 1958

Kien il-Ġimgħa, 6 ta' Ġunju 1958. Fuq il-bibien ta' ħafna ħwienet kien hemm tabella ċkejkna bi xbieha biex tfakkar li dakinhar kienet l-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar iddedikata lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesu`. Toni Sant, wieħed mill-purtinari ta' l-Iskola Primarja tas-Subien, Triq Grognet, il-Mosta, kien diġa' sema' l-quddiesa fil-knisja parrokkjali u tqarben kif kien imdorri jagħmel għall-okkażjoni. Il-Klassi 5A tas-Sur Joseph Sciberras, bħall-klassijiet l-oħra, messha tieħu l-ħalib, li kien jiġi fi fliexken b'tapp lewn il-fidda jew id-deheb, skond wieħed kienx iħobb il-ħalib tal-baqra jew tal-mogħża. Jekk irid xi togħma, trid tħallat l-essenza int.

Is-*Sir* kien jeħodna fl-ordni u jgħidilna napprofittaw ruħna kif inkunu barra biex ninqdew it-*toilet* f'każ ta' bżonn. Toni Sant kien ikompli jiżgura li aħna nżommu d-dixxiplina għax jarana ġejjin u jmeżmeż lil min joħroġ mil-linja jew ipaċpaċ. Ħalib imissu kulħadd u kulħadd jisserva t-*toilet* imma Toni kien jgħid u jerġa' jgħid li m'għandniex inħammġu. Għalkemm ta' statura qasira kien mimli u jimpressjonana b'dehertu.

Kulħadd kien joqgħod attent. Toni Sant kien nadif tazza. Imqaxxar. Kien bieżel u t-*toilets* kien iżommhom indaf xummiema.

Kont fil-kju wara sħabi. Fl-aħħar messni. Issa, meta missieri kien żgħir, barra milli jdoqq mal-Banda San Filep, kien jaħdem il-murtali. Innannu tgħidx kemm kien igergirlu. Maż-żmien missieri refa' min-nar għax ma riedx jinkwieta linnannu. Lilna kien jiftħilna għajnejna għax il-bniedem li jkun jaf il-perikli ta' l-isplussivi u tat-taħlit tal-kuluri, jkun aktar konxju tal-perikli għat-tfal tiegħu. Barra minn hekk kien hemm okkażjoni meta nstemgħet l-għajta biex il-kamra tan-nar tkun evakwata għax kien hemm miċċa taqbad. It-tensjoni sakemm tneħħa l-periklu min kien hemm biss jafha. Għalhekk ma kinitx l-ewwel darba li tħassibt dwar il-periklu li Toni kien jaħdem fih meta jmur il-kamra tan-nar f'Ta' Mlit.

Kien xil-5.32 p.m.[8] u kont sejjer għand Rożann tal-forn fi Triq Cassar biex nixtri l-ħobż. Malli dort il-kantuniera minn Triq Callus, theżżiża. "Il-kamra tan-nar", qalet Rożann malli dħalt. Ma domtx ma ħriġt bil-ħobż u nara t-triq mimlija nies iħarsu banda waħda. Daħna kienet tielgħa 'l fuq mill-kamra tan-nar.

Malli wasalt id-dar qaluli li l-ħġieġ għal ħniena ma nkisirx. Kien blast qawwi. Min seta' kien Ta' Mlit?

L-għada fil-għodu sirna nafu li Toni Sant inqabad ġewwa fl-isplużjoni. Ħarġuh u ttieħed l-Isptar San Luqa fejn radd ruħu għall-ħabta tad-9.00 p.m. Miegħu ġie rikoverat Fidiel Camilleri ta' 48 sena, li bela' ħafna duħħan. Dam ġimgħa jirreżisti sakemm il-kimika qerditu. Pawlu Sant, li ma kienx jiġi minn Toni, u Joseph Mangion ħelsuha b'xi feriti ħfief.

Il-Ħadd 8 ta' Ġunju 1958, il-Mosta ħarġet bi ħġarha biex issellem lil Toni Sant għall-aħħar darba. Il-fdal ta' dan ir-raġel żagħżugħ ta' 23 sena, għarus fuq l-għatba taż-żwieġ, twassal fil-knisja ta' San Leonardu mill-Isptar San Luqa. Hemmhekk laqgħuh tal-familja, fosthom valorożament missieru, li akkumpanja fil-funeral. Ifforma l-korteo bil-kleru, poplu u l-**Banda Nicolo` Isouard** iddoqq marċi funebri. Niftakar lis-Surmast ta' l-Iskola, is-Sur Anthony Depares, li kien ġie ġdid dik is-sena, jżomm il-faldrappa sewda fuq it-tebut, wieħed minn erbgħa. Ieħor kien l-Inspector Nazzareno Abela, is-Surmast Mosti li kellna sas-sena ta' qabel. Bejniethom dawn it-tnejn kienu jsebbħu dak il-pellegrinaġġ ta' fidi u solidarjeta` quddiem id-dalma apparenti li waqgħet bil-mewta traġika ta' subaltern tagħhom li kien jirrispettahom. Kien hemm ukoll diversi għalliema jakkumpanjaw.

Malli t-tebut wasal quddiem il-**Każin tal-Banda Nicolo` Isouard**, il-korteo waqaf peress li Toni Sant kien bandist. Sadanittant meta wasalna l-pjazza, għax jien kont mort ħdejn l-erba' ħwienet, sibnieha mimlija bin-nies. Ħafna dilettanti tan-nar minn irħula oħra ġew isellmu lill-kollega tagħhom.

Toni Sant saritlu quddiesa fil-knisja fil-għodu stess u ndifen fil-kannierja. It-Tnejn, l-iskola

R. I. P.



Toni Sant li miet b'disgrazzja tan-nar nhar is-6ta' Ġunju 1958 fl-eta` ta' 23 sena.

R. I. P.



Fidiel Camilleri li miet fl-14 ta' Ġunju 1958 fl-eta` ta' 31 sena, wara li nħaraq.

tlabna għalih. Għaddew dawn is-snin kollha, iżda ma ġiex xahar tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesu` u ma ġiex 6 ta' Ġunju li lil Toni Sant ma ftakartux. Kien hemm rabta informali bejna t-tfal u bejn Toni u din ir-rabta baqgħet għax kienet ġenwina.

Il-Ħadd 15 ta' Ġunju 1958, sar il-funeral ta' Fidiel Camilleri. Dak li sar għal Toni Sant sar ukoll għal Fidiel. Lil Fidiel ma kontx nafu, iżda kulħadd ħass għalih u għall-familja.

Santa Marija ħarġet bħas-soltu u n-nies ġiet. Hu magħruf li fil-Mosta n-nies tiġi mhux għax in-nar kien l-attrazzjoni ewlenija, imma minħabba l-knisja u s-serjeta` li biha kienet organizzata l-festa. Meta l-vara ġiet biex tidħol, inħarqu tnax-il murtal tal-kulur tat-tliet fatqiet. Imlew pjazza għax dak iż-żmien kienu jinħarqu minn wara l-Palladium - iċ-ċinema tal-Mosta ta' dak iż-żmien u li floku llum hemm il-Mid-Med Bank.

Erbgħin sena minn dak il-fatt, nistqarru li Toni Sant u Fidiel Camilleri jibqgħu jgħixu fil-memorja u fl-istorja.



Ġużeppi Camilleri, magħruf bħala 'Ta' Fjura', li miet fit-23 ta' Marzu 1933 fl-eta` ta' 48 sena, *wara disgrazzja oħra fil-Kamra tan-Nar f'Ta' Mlit.*

# 1978 - 1998: GĦOXRIN SENA TA' TISĦIĦ

Ġwanni XXIII nissel il-konċilju fil-ferħ; Pawlu VI welldu fit-tbatija. It-tixbiha mal-proċess naturali tat-tnissil u t-twelid għamilha l-Kardinal Giulio Bevilacqua, ħabib antik ta' Pawlu VI minn żmien l-Oratorju ta' Brescia. Il-Konċilju Vatikan II (1962 - 1965) kien wieħed mill-ġrajjiet kbar tas-seklu. Kien sfida għall-Knisja Kattolika. Minn barra kien hemm dinja qiegħda tinbidel u pastorali li teħtieġ tifhem il-bżonnijiet tal-bniedem kontemporanju. Minn ġewwa kien hemm il-gruppi li beżgħu minn kull bidla.

Beda fis-sempliċita` kollha l-Papa Ġwanni XXIII. Riedu u ħabbru mingħajr ħadd ma stenna fil-25 ta' Jannar 1959, festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl. Ta' madwaru sfaru bil-ħsieb biss ta' konċilju. Kompla u ffinalizza l-Papa Pawlu VI, ta' tradizzjoni progredita Milaniża u ġibda lejn id-demokrazija liberali.

Għoxrin sena mill-mewt tal-Papa ta' l-Inkurunazzjoni, niftakru fil-kliem li qal lis-Segretarju ta' Ġwanni XXIII, Monsinjur Francesco Loris Capovilla, ftit wara li aċċetta l-għażla tal-kardinali fil-21 ta' Ġunju 1963. Pawlu VI qallu li ried jagħmillu premura biex jgħidlu li, jekk aċċetta l-Papat, dan għamlu biex ikompli l-opra mibdija mill-predeċessur tiegħu. Dak li ġara fl-aħħar erbgħin sena tat-tieni elf sena tal-Kristjaneżmu fil-Knisja Kattolika, kien kollu frott ta' l-għażla ta' Ġwanni XXIII u l-konferma ta' Pawlu VI.

*24 ta' Lulju 1997.*

***NOTI:***

1. Waslet hawn fl-1530 u ħadet lil Malta b'fewdu mill-Imperatur Karlu V ta' Spanja.
2. Ir-rewwixta kontra Monroj kienet sinifikanti ħafna, imma ma wasslitx ħlief għal fewdu ieħor. L-Assedju l-Kbir sar b'difiża ta' Malta biex ma taqax vittma ta' attakk mill-Imperu Ottoman. Il-Kavalieri hawn baqgħu wara l-Assedju, li b'riħtu Kavalieri u Maltin waslu għall-għarfien ta' interessi komuni u l-ħtieġa ta' ħidma eqreb lejn xulxin minn qabel.
3. "Enrichissez-vous!"
4. Kola Xuereb minn Ħaż-Żebbuġ.
5. 6 ta' Mejju 1954, p. 3.
6. 7 ta' Mejju 1954, p. 3.
7. ***Il-Berqa***, 21 ta' Ġunju 1943, p. 3.
8. Ma kienx hemm siegħa bil-quddiem.